# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu,2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 2339/98mm**

**Fithome Limited**

**vs**

**Renzo Borg Grech u martu Evelyn ghal kull interess li jista jkollha**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Dicembru 1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta' erba' mija u sittax-il lira Maltin (Lm416), bilanc minn somma akbar ta' Lm2116, rappresentanti prezz ta' xogholijiet ta' ghamara konsistenti f'hames *internal doors* u zewg *box frames,* maghmula, mibjugha u kkonsenjata lilhom fuq inkarigu taghhom stess, kollox kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha tal-prezenti u dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Lulju 1998 u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1964/98, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-partijiet ftehmu illi l-prezz tax-xogholijiet ta' l-ghamara kellu jkun ta' Lm1,700 biex b'hekk il-bilanc mitlub huwa mhux miftiehem u mhux dovut u l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fil-fatt meta ftehmu fuq il-prezz il-konvenut hareg *post dated* cheques ammontanti ghal Lm1,700 li kollha gew accettati u ssarfu u ghalhekk il-ftehim milhuq ghandu jigi onorat u huwa rabta bejn il-partijiet.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal bilanc dovut lis-socjeta' attrici wara li dina giet ikkommissjonata mill-konvenuti illi jaghmlu xoghol ta' l-injam konsistenti f'bibien interni u zewg box

frames bil-prezz ta' elfejn mija u sittax-il lira (Lm2,116.00). Filwaqt li l-partijiet mhumiex jikkontestaw din l-ahhar cifra, l-konvenut qieghed ighid illi kien ghamel ftehim iehor mad-direttur tas-socjeta' attrici Alfred Vella illi jhallas cifra ta' elf u seba mitt lira (Lm1700) b'*post dated cheques* ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha taghha.

Minn nahha l-ohra s-socjeta' attrici qieghdha tghid illi hija accettat biss din l-ahhar cifra jekk tithallas *cash,* pero' dejjem irid ikun hemm inkluz ukoll l-VAT illi jidher illi ma giex ikkonsidrat mill-konvenut Renzo Borg Grech.

L-ewwel li xehed f'din il-kawza kien il-konvenut fejn a fol 23 jispjega dan l-arrangament illi kien ghamel mas-Sur Vella ghan-nom tas-socjeta' attrici. Dan l-arrangament sar tramite l-mobile phone wara li l-konvenut kien ircieva l-ewwel *invoice* datat l-1 ta' Awissu 1996. Il-konvenut ighid illi huwa cempel lis-Sur Vella u minghajr ma semmielu xejn dwar il-materjal staqsieh jekk setghax inaqqaslu xi haga minn din ic-cifra. Is-Sur Vella qallu li kien ikun kuntent jekk jaghtih elf u seba' mitt lira (Lm1700). Hawnhekk il-konvenut ighid espressament "jiena fimtha illi dana kellu jkun ghas-saldu".

Fit-22 ta' Ottubru 1996 il-konvenut baghat ittra lis-Sur Vella (fol 26) fejn dana ghamel referenza ghal dina t-telefonata u rringrazzjah talli kien accetta illi jnaqqas il-pagament ghall-elf u seba' mitt lira (Lm1700) u wkoll illi accetta dan il-pagament isir permezz ta' *post dated cheques.* Dawn il-*post dated cheques* intbaghtu kollha permezz ta' din l-ittra. Spicca biex jirringrazzjah

tal-koperazzjoni tieghu u kien qed jispera illi jaghmel aktar negozju mieghu ghal quddiem kemm ghalih personalment kif ukoll ghall-klijenti. Fuq din l-ittra s-Sur Vella rrisponda b'ohra datata 4 ta' Novembru 1996 (fol 28) fejn ighid illi vera kien accetta illi l-hlas ta' elf u seba' mitt lira (Lm1700) pero' dana kellu jkun f'pagament wiehed u li qatt ma rrinunzja ghal 15% Vat skond il-ligi, ghalhekk dana jgib total ta' elf disa mija u hamsa u hamsin lira (Lm1955).

F'din l-ahhar ittra s-Sur Vella jikkuntrasta bis-shieh l-allegazzjonijiet kollha illi kien ghamel il-konvenut u spjega kif ma setghax ikun illi jaccetta dawn il-*post dated cheques* b'dik ic-cifra ta' elf u seba' mitt lira (Lm1700) meta l-ahhar pagament kellu jkun sena mill-ewwel pagament. F'din l-ittra s-Sur Vella ghamel proposta ohra illi kien lest li jaccetta elf u seba mitt lira (Lm1700) plus il-15% Vat dejjem jekk dan il-pagament isir mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru 1996. Filwaqt illi qal li kien ser jibghat lura dawn ic-cekkijiet, dawna ma ntbaghtux u bdew jissarfu ftit ftit hekk kif bdew jimmaturaw, l-ahhar wiehed fl-10 ta' Ottubru 1997.

Wara dan saret ittra ufficjali kontra l-konvenut sabiex ihallas il-bilanc. Ta' min isemmi illi fuq l-ewwel invoice mibghut fl-1 ta' Awissu 1996 a fol 29 tal-process hemm inkluz 15%Vat u hemm ukoll in-notamenti maghmula mill-konvenut fejn dana jidher illi qabad ic-cifra ta' elf u seba mitt lira (Lm1700) illi kien hemm indikat fuq dan l-invoice u ttrasportah ghal nota fuq l-istess invoice fejn il-konvenut qal illi din ic-cifra giet miftiehma ma' Alfred Vella fuq it-telephone mill-ufficju tieghu. Hemm notamenti

ohra maghmula mill-istess konvenut pero' mkien ma hemm imnizzel illi din ic-cifra kellha tkun ghas-saldu. Ma hemmx dubbju illi mill-atti tal-process minn imkien ma jirrizulta illi sar ftehim bejn il-partijiet illi s-socjeta' attrici kellha tirrinunzja ghal VAT kif dovut skond il-ligi.

Ikkunsidrat:

Apparti din l-ahhar konsiderazzjoni, hija ferm importanti x-xhieda tal-konvenut meta dana jghid a fol 23 illi wara li kellem lill-konvenut huwa fehem illi din ic-cifra kellha tkun ghas-saldu. Meta tnejn minn nies ikunu qieghdin jitkellmu u jkunu cari fil-kliem u t-tnejn ikunu konkordi, ma jkunx hemm dubbji fuq dak li jkun nghad u l-Qorti ma jidhirliex illi parti tista tghid illi ghax hija fehmet mod ergho l-ftehim kellu jkun dak li fehmet hi. Hawnhekk il-konvenut qed jaghmel dikjarazzjoni unaterali skond kif fehem u nterpreta hu din id-diskussjoni illi kellu ma' Alfred Vella. Dana bl-ebda mod ma jaghmel xi rbit fil-konfront ta' Vella jekk din l-interpretazzjoni kienet biss unilaterali u mhux konkordi bejn il-partijiet. Filwaqt illi huwa minnu illi tnejn minn nies jistghu jiftehmu fuq bicca negozju verbalment u dak il-ftehim ikun jorbot daqs li kieku kien bil-miktub, hija kwistjoni ta' prova mbaghad kemm dak il-ftehim kien jirrispetta certa konsiderazzjonijiet jew le. F'dan il-kaz l-istess konvenut qed juri dubju dwar dak illi nghad peress illi qed jaghti l-interpretazzjoni tieghu kif fehma hu. Jekk il-Qorti tara wkoll l-ittra ta' l-istess konvenut a fol 26 hemmhekk jaghmel referenza ghal din it-telefonata u jghid biss illi s-socjeta' attrici kienet accettat pagament ta' elf u seba mitt lira (Lm1700) u saret ukoll referenza ghal *post dated cheques* .

F'din l-istess ittra mkien ma nghad illi s-Sur Vella kien accetta din ic-cifra ghas-saldu jew inkella kien sejjer jaccetta xi *post dated cheques* ghal xi tul ta' zmien. Bhala obiter u ghal fini ta' kredibilita' l-konvenut ilmenta wkoll mill-kwalita' tax-xoghol illi gie pprezentat lilu. Huwa qal illi dana ma kienx skond l-arti u s-sengha. Filwaqt illi l-Qorti ma kelliex l-opportunita' illi tezamina dan ix-xoghol issib din id-dikjarazzjoni ferm stramba meta fl-istess ittra a fol 26 qieghed jikkumplimenta lis-Sur Vella u jispera illi jaghmel aktar negozju mieghu fil-futur, kemm fuq bazi personali u ghan-nom ta' klijenti. Meta bniedem ma jiehux gost bil-prodott illi gie pprovdut lilu, l-Qorti ma tahsibx illi kien sejjer jikkumplimenta lil min ghamillu x-xoghol u jghidlu illi jhares b'certa herqa ghal aktar negozju fuq bazi personali u ghan-nom ta' klijenti. Jidher illi l-konvenut irid japprofitta ruhu mill-generozita tas-Sur Vella u jipprova jiffranka xi ammont ta' flus illi effettivament ghandu jhallas. Minn nahha l-ohra s-Sur Vella kien ferm iktar dettaljat fir-risposta tieghu tal-4 ta' Novembru 1996 a fol 28 fejn filwaqt li accetta li kienet issemmiet ic-cifra ta' elf u sebgha mitt lira (Lm1,700) dana qal illi ghamlu biss jekk il-hlas isir f'daqqa u l-Vat kellu jithallas ukoll. Spjega kif ma jistax ikun illi jaccetta dawk il-postdated cheques sa sena wara illi jkun gie konsenjat ix-xoghol.

Il-konvenut ghamel kapital ukoll fuq il-fatt illi dawn il-post dated cheques gew kollha msarrfa mis-socjeta' attrici. L-ahhar wahda datata 10 ta' Ottubru 1997 u ntbaghtet ukoll ircevuta bl-istess data. Din il-Qorti ma tara xejn hazin billi s-socjeta' attrici sarrfet dawn ic-cekkijiet minkejja illi kienet oggezzjonat ghal dan il-mod ta' pagament. Filwaqt illi fl-ittra tieghu ta' Novembru 1996 Alfred

Vella qieghed ighid illi jirritorna dawn ic-cekkijiet, dana jfisser zgur illi mhux qieghed jaccetta dawn ic-cekkijiet ghas-saldu ta' kull pretensjoni. Mhemmx dubbju illi minhabba nuqqas ta' komunikazzjoni aktar deciziva, l-konvenut ried jaghti l-interpretazzjoni tieghu ghal dak illi nghad fuq din it-telefonata biex jipprova jnaqqas l-ammont illi ghandu jhallas lis-socjeta' attrici. Kif gia nghad, l-ammont originali ta' elfejn mija u sittax-il lira kif muri fuq l-invoice a fol 29 mhuwiex ikkontestat bejn il-partijiet. Dan huwa l-ammont li gie pattwit bejniethom bhala hlas ta' konsenja ta' xoghol ta' l-injam maghmul mis-socjeta' attrici. Il-vertenza bejn il-partijiet mhijiex dwar din l-ahhar cifra, izda dwar dan il-ftehim illi allegatament sar wara illi gie pprezentat dan l-invoice. Darba l-konvenut qieghed jallega bdil ta' cirkostanzi, allura kien jispetta lilu biex jipprova li kien hemm dan il-bdil u illi dan il-bdil kien gie accettat mill-parti l-ohra. Mill-provi prodotti dana ma jirrizultax, anzi jirrizulta car illi bejn il-partijiet hemm divergenza kbira dwar dak illi nghad sussegwentement ta' l-invoice ta' Awissu 1996, ghalhekk il-Qorti ma tistax tghid illi l-konvenut irnexxielu jipprova illi kien hemm xi ftehim iehor oltre dak imlahhaq originarjament kif muri f'din l-ahhar invoice, aktar u aktar meta jiddikjara hu stess illi qed jibbaza dan il-bdil ta' cirkostanzi fuq interpretazzjoni tieghu unilaterali ta' dak illi nghad (vide fol 23).

Ghalhekk peress illi dan il-ftehim kif allegat mill-konvenut ma jidhirx illi ntlahaq bejn il-partijiet, allura l-Qorti trid tirriverti ghal l-unika haga konklussiva u certa illi kien hemm bejniethom u cioe' l-konsenja ta' l-ghamara bi prezz originali ta' elfejn mija u sittax-il lira. Fuq dan ma hemmx dubbju u l-Qorti lesta illi toqghod fuq

l-istatement kif ipprezentat mis-sur Vella fl-ahhar udjenza dokument AV 1 minn fejn johrog il-bilanc illi qed jintalab mis-socjeta' attrici, bilanc illi jidher gustifikat u li ghandu jithallas mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta' erba' mija u sittax-il lira (Lm416) bilanc minn somma akbar ta' Lm2116, rappresentanti prezz ta' xogholijiet ta' ghamara konsistenti f'hames *internal doors* u zewg *box frames,* maghmula, mibjugha u kkonsenjata lilhom fuq inkarigu taghhom  stess. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-istess konvenuti.

Anthony Zammit
Dep Reg